**IL-BIRGU**

Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 22 (07) /2016

Data: 4 ta` Ottubru 2016

Hin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:
***Is-Sur John Boxall*** – *Sindku*
***Is-Sur Trevor Mizzi*** – *Viċi Sindku*
***Is-Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier*
***Is-Sjra Lara Mascena*** – *Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Skuzati:
***Is-Sur Anton Gellel*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Eman Zerafa*** – *Kunsillier*

---

**AĠENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 20(07);
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Birgufest 2016;
5. Il-Bust tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana;
6. Il-Progett tal-Palyingfield (Bandli)
7. Il-Monument ta` La Vallette quddiem Couvre Porte
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u ta bidu ghall- Laqgha numru 22(07).

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li matul din il-laqgha l-Agenda mhux ser ssir kollha kif kien skedat u ser jittihedu decizjonijiet li huma mportanti. Is-Sur Trevor issekonda ghal dan.

### 3. Korrispondenza

### 3.1 Ir-Raba` konferenza tal-Mediterranean Countries International Conference gewwa l-Italja.

Dwar din il-korrispondenza, is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghal darb`ohra il-Kunsill Lokali tal-Birgu rega` gie mistieden ghal din il-konferenza li ser ssir f`Cisternino, l-Italja bejn 27 u 30 ta` Ottubru 2016. Is-Sur Boxall kompla billi qal li ghal din il-konferenza jridu jitilghu gurnalist, kok mill-lokalita u zghazugh. Is-Sur Boxall zied jghid li ghal din il-konferenza gew mitiesdna l-Kunsilli kollha ta` Malta u ghalhekk ikun ferm ghaqli li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jtella` gurnalist u anke prezenatur fuq ix-Xandir biex jirrapprezenta l-Kunsill u dan sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jkollhu coverage tajjeb ta` din il-konferenza fuq l-istazzjoni nazzjonali. Is-Sur Attard qal li ghalhekk il-Kunsill mhux ser jtella rapprezenant mill-Kunsill stess, fejn ghal dan is-Sindku qal li dak li jista` jaghmel gurnalist ma jistax jaghmlu l-Kunsill. Is-Sur Boxall kompla jghid li diskors ghandhu jinqara miz-zghazugh li ser jirraprezenta l-Kunsill. Dwar dan kollhu kien hemm qbil unanimu.

### 3.2 Xoghol ta` gypsum board fl-entratura tal-Berga tal-Ingliterra.

Is-Sur John Boxall nforma lill-Kunsilliera li fl-entratura tal-Berga tal-Ingliterra hemm bzonn li jsir gypsum board maz-zewg hitan u dan ghal fatt li l-hitan qeghdin ifarfru u m`hemmx kura ghalihom. Is-Sur Boxall kompla billi qal li wara diversi pariri li ttiehdu, gie rrakomandat li l-ahjar soluzzjoni hija li jsir il-gypsum board. Is-Sur Mizzi qal li jekk f`dan l-istadju m`hemmx soluzzjoni ohra x`tista` ssir, ghandu jsir il-gyspum board. Is-Sindku qal li l-spiza m`hiex wahda kbira

### 3.3 Christmas Festival fil-lokalita tal-Birgu

Is-Sur John Boxall qara korripsondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Noel Castillo fejn informa lill-Kunsill li huwa diga` beda jahdem biex ikun jista` jghin lill-Kunsill biex jtella` l-attivita tal-Milied fil-Birgu. Is-Sur John Boxall kompla billi qal li ghandha tintalab laghqa mas-Sur Castillo sabiex din il-materja tigi ddiskussa.

### 3.4 Talba ghall-klarifikazzjoni

Is-Sindku informa lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva korrispondenza mill-Kinetic Dance Company sabiex tintbghat lilhu konferma bil-miktub ta` decizjoni li kienet ittiehdet bejn il-kumpanija u l-kunsilliera meta saret il-laghqa maghhom dwar is-sehem taghhom fl-attivita tal-Birgufest 2016.

### 3.5 Ittra dwar l-Iskema dwar l-Inizjattivi ta` Attivitjiet Kulturali ghall-2016.

Giet prezentata ittra li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni li l-istess Kunsill kien

ghamel dwar l-attivita tal-Milied fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sur John Boxall kompla jghid li din l-applikazzjoni  ma gitx milqugha ghal fatt li ma kenitx qed tippromwovi Linji Gwida. Dwar dan is-Sindku qal li l-attivita ghandha ssir xorta wahda.

### 3.6 Ittra dwar il-laghqa ta` 9 ta` Settembru mal-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo.

Is-Sur John Boxall qal lil dawk prezenti li laqgha li kellha ssir mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo ma jafx jekk ma saritx. IS-Sur Boxall kompla billi qal li huwa ma seghtax jattendi ghalhekk ma jafx jekk il-laqgha ma saritx mal-periti biss. Is-Sindku zied jghid li ghandha tintbghat email lill-Onorevoli sabiex tifgi ffisata data ohra ghal din il-laqgha.

## 4. Birgufest 2016

Gew prezentati zewg sejhiet li hargu ghas-sistema tad-dawl u sound ghall-attivita tal-Birgufest, fejn giet prezentata l-unika tender li giet mitfuha ghas-servizz ta` dawl ghal waqt l-attivita tal-Birgufest 2016. Il-kumpanija li tefet dan it-tender kienet il-Kumpanija Nexos Co Ltd ghall prezz ta` 7,780.84Euro eskluz il-VAT. Is-Sur Boxall propona li din il-kumpanija la kienet l-unika wahda li applikat ghal dan it-tender u li fi snin precedenti hadmet mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u tat servizz tajjeb, ghalhekk il-Kunsill ghandhu jaccetta is-servizz ta` Nexos Co Ltd. Ghal dan issekonda l-Kunsillier Lawrence Attard.

Dwar is-sejha tal-offerti ghas-sistema tas-sound ghall-attivita tal-Birgufest 2016, gew prezentati zewg sejhiet li gew mitfuha, dik tal-kumpanija Digital Magic Malta Co Ltd 3,359.00Ewro ezkluz il-VAT u A-Sound 3,595Ewro ezkluz il-VAT, fejn l-offerta tal-kumpanija Digital Magic Co Ltd kienet irhas fil-prezz bl-ammont ta` 235Ewro . Ghal dan is-Sindku qal li l-Kunsill ghandhu jmur ghal

irhas kwotazzjoni u servizz ta` sound ghandhu jmur ghal kumpanija Digital Magic Co Ltd. Is-Sur Trevor Mizzi issekonda ghal dan.

## 5. Il-Bust tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana

Dwar dan is-Sur Boxall qal li il-faccatta fejn gie propounut li jsir il-bust ta` Dun Guzepp Caruana tinsab fi stat ta` detorjament u ghalhekk ikun ferm ahjar li l-post ghandhu jkun fejn il-bustijiet l-ohra f`Couvre Porte u dan ghal fatt li l-Kunsill ikollhu jidhol fi spiza akbar biex jirranga l-hitan. Dwar dan is-Sur Boxall zied jghid li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss meta kulhadd ikun prezenti.

## 6. Il-Progett tal-Playingfield (Bandli)

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dwar il-progett tal-bandli ghad m`hemm xejn deciz x`se jigri. Kompla billi qal li l-Kunsill jista jitulizza l-flus tal-UIF li jlehqu ghal madwar hamsa u ghoxrin elf flimkien mal-ghaxar t`elef li l-kumanija Alf Mizzi & Sons ghogobha taghti lill-Kunsill Lokali tal-Birgu. Jibqa l-fatt li dan l-ammont m`huwiex bizzejjed biex dan il-progett ikun jista` jsir. Is-Sur Boxall zied jghid li nhar is-Sibt 8 ta` Ottubru hemm laqgha dwar il-Progetti Kapitali u finazjarjament taghhom u qal li huwa ser jattendi ghal din il-laqgha hekk importanti. Barra minn hekk is-Sur Boxall gharraf lil dawk prezenti li huwa anke ntaqa mal-agent li jisuplixxi il-bandli fejn lest li jghin lill-Kunsill billi jsir agreement biex il-hlas jinqasam fuq tlett snin. Is-Sur Lorry Attard qal ukoll li hemm xi European Capital Funds li l-Kunsill jista japplika ghalihom u jibbenifika minnhom.

## 7. Il-Munument ta` La Vallette quddiem Couvre Porte

Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega lil dawk prezenti li l-MEPA ogezzjnat ghall-applikazzjoni tal-monument ta` La Vallette. Is-Sur Boxall kompla

jghid li kien hemm precident ghal din l-ogezzjoni u li dwarha l-Kunsill baqa` ma nghatax risposta. Il-Kunsill f`dan l-istadju jrid jappella ghal din id-decizjoni, fejn illum stess is-Segretarju Ezekuttiv flimkiem mal-Perit Cluade Busuttil marru ghand l-avukat Dr. Ian Stafrace sabiex jitmexxew il-karti tal-appell. Ghal dan l-appell hemm hlas ta` mitejn ewro sabiex ikun jista` jinfetah. Is-Sur Boxall zied jghid li dan il-munument jixtieq li jigi nawgurat qabel V18 dejjem jekk l-appell jintrebah fi zmien qasir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3121 – 3172 barra cekkijiet no 3131, 3143 u 3148 li gew ikkancellati u HSBC cekkijiet numru 9579 -9581 u BANIF cekk numru 18. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata l-31 ta' Awwissu, 2016 sal-4 ta` Ottubru, 2016.

## 9. Aggornament

Il-Laqgha 22 (07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-7.00 pm (fis-sebgha ta' filghaxija).

________________ ____________________

Lara Mascena (iffirmati) John Boxall (iffirmati)

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku

*Approvati llum 18 ta` Ottubru 2016*